MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 1780/2003

**Fabian Camilleri**
**Vs**
**Stephen Vella**

It-Tribunal,

Ra l-avviż fl-ismijiet premessi preżentat fl-10 ta' Settembru, 2003 fejn l-attur qed jitlob li l-konvenut jiġi kkundannat iħallas is-somma ta' Lm 500.00 (ħames mitt lira Maltija) rappreżentanti danni sofferti f'inċident stradali nhar is-16 ta' Ottubru, 2002.

Fl-Avviż tat-talba intqal illi:-

Fis-16 ta' Ottubru, 2002 il-konvenut, Stephen Vella, minħabba traskuraġni, imperizja jew nuqqas ta' ħarsien tar-regolamenti tat-traffiku, waqt li kien qed isuq vettura Peugeot 405 numru ta' reġistrazzjoni BAR 559, ikkawża kolliżjoni tort unikamnet tiegħu mal-mutur numru tar-reġistrazzjoni FAL 558 misjuq mill-attur u kkawża danni

konsiderevoli kif se jiġi ppruvat tort unikament tal-konvenut.

Għaldaqstant l-attur jitlob lil dan it-Tribunal jordna lill-konvenut iħallas l-ammont ta’ ħames mitt lira Maltija (Lm 500.00) jew ammont ieħor kif likwidat wara li jsib lill-istess konvenut responsabbli unikament għall-istess inċident.
Bl-ispejjeż.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn ingħad illi:-

1. It-talba ta’ l-attur għandha tiġi respinta bl-ispejjeż kontra l-istess attur, stante illi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt peress illi huwa l-istess attur li jaħti għall-inċident mertu ta’ din il-kawża.

2. Illi jsegwi għalhekk, illi ma hemmx danni x’jiġu likwidati u mħallsa mill-konvenut.

3. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mill-liġi.

Sema` x-xhieda u eżamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi mhux kontestat illi l-kolliżjoni ssuċċediet waqt li l-attur waqt li kien qed isuq il-mutur tiegħu ġie biex jaqbeż il-karozza tal-konvenut li f'dak il-mument ried jikser fuq il-lemin tiegħu għal triq laterali minuri.

L-attur jallega illi kien qed isuq il-mutur tiegħu wara l-vettura konvenuta. Hu kien qed isuq bil-mod. Hekk kif ġie biex jaqbżu, l-konvenut xegħel l-indicator biex idur u saret il-ħabta. Il-konvenut u x-xhud tiegħu jallegaw illi huma kienu neżlin għal triqithom, xegħel l-indicator lejn il-lemin, ġie l-mutur minn warajhom, ħabat u tkaxkar.

L-attur qed jallega illi l-kolliżjoni grat tort il-konvenut.

Illi l-partijiet xehedu f'seduta stante, huwa approssivament dak li qalu lill-Pulizija Investigattiv a tempo vergine.

F'kazijiet simili aktar minn oħrajn trid ta' bil-fors issir riferenza għal-liġi applikabbli f'materji simili. Il-Highway Code fl-artikolu 181 et sekwenza jirregola kif għandu jsir l-overtaking, ossia l-manuvra ta' sorpass. Ġie ritenut diversi drabi minn Ġurisprudenza kosanzi nostrali illi l-manuvra ta' sorpass hija waħda ta' natura eċċezzjonali u għandha ssir bl-ikbar perizja u prudenza fil-post addattat għaliha.

L-artikolu 181 jgħid testwalment "never overtake unless you are sure you can do so without danger to yourself or others. Be specially careful in dusk and in mist when it is more difficult to judge speed and distance."

L-artikolu 182 "overtake on the right. This rule does not necessarily apply in the following circumstances:

a. when the driver in front has signalled his intention to turn right and you can safely overtake him on his left without inconveniencing other traffic or when you are filtering to the left with a junction.

b. In slow moving, conjected traffic when vehicles in the lane on your right are moving more slowly than you are."

L-artikolu 183 "before overtaking give the appropriate signal. Make certain that the vehicle you intend to overtake is aware of your intention. Keep a safe but not excessive distance from the vehicle being overtaken and return to the appropriate lane or side of the road as soon as practicable after overtaking, making sure you are not cutting sharply in front of the vehicle you are overtaking."

L-artikolu 184 "do not overtake unto an approaching _______________crossing, traffic lines, arrow junction, in a sharp corner or when the road hidden dip."

L-artikolu 185 "do not overtake when the road narrows and would force another vehicle to slow or when there isn't enough space or when the visibility does not permit you to do so without danger, when there is a long string of vehicles ahead of you or when the vehicle you are

overtaking is otherwise dangerous or difficult for the time being."

Illi huwa principju bażilari tal-liġi tagħna illi min jallega irid jipprova fuq bilanċ ta' probabilitajiet. L-attur, ossia l-mutur kellu d-dover li jipprova illi l-vettura ta' quddiemu li kien qed jipprova jaqbeż kienet il-kawża approssimattiva ta' l-inċident. Jiġi rilevat pero' l-mutur li kien qed jagħmel sorpass, naqas li jieħu dawk il-miżuri u prekawzjonijiet li għadhom kemm ġew indikati. La ta sinjal lil ta' quddiemu, mar jissopassah f'T-junction, ma tah l-ebda indikazzjoni illi kien ser jissorpassah, ra l-vettura biex jissorpassah kellu jmur fin-naħa l-oħra tat-triq, kien qed jissorpassa vettura li kienet fin-nofs tat-triq li setgħet tagħti ndikazzjoni li riedet tikser lejn il-lemin u f'każijiet simili kien missu l-konvenut jagħmel kawża lill-attur u mhux vice versa.

Jiddeċiedi billi fil-waqt li jilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenut, jiċħad it-talbiet attriċi, bl-ispejjeż kontra l-istess attur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------